**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 31 – IT-TLIETA, 10 TA’ JANNAR 2017 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti | | |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 30**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Dr Frank Bartolo ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti Numru 30**

2.1 Rigward paragrafu 2.1 il-Kumitat innota li ma kienx hemm ebda risposta mill-LESA rigward talba għal speed cameras fi Triq Birkirkara u Triq il-Ħida. Għandha tintbagħat reminder oħra.

2.2 Rigward paragrafu 2.2 għandu jsir refreshing ta’ double yellow lines fi Triq il-Gallina.

2.3 Rigward paragrafu 2.6 għandha ssir laqgħa mal-Enemalta rigward in-nuqqas ta’ dawl fuq iz-zebra crossing ta’ Triq Birkirkara.

2.4 Rigward paragrafu 2.8 għandha tiġi vverifikata jekk il-plot vojta fi Triq il-Bilbla hiex privata jew pubblika.

2.5 Iċ-Chairman għandu jifformola tabella biex issir fi Triq it-Tellerit.

2.6 Rigward paragrafu 4.2 kien hemm diskussjoni dwar in-nuqqas ta’ attendenza tas-Sur Simon Ellul Sullivan. Iċ-Chairman informa lill-Kumitat li gie infurmat minnu li għandu jirreżenja mill-Kumitat.

**3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

3.1 Il-Kumitat xtaq li jirringrazzja lis-Sinjura Josette Micallef għas-servizz tagħha ta’ Aġent Segretarju Eżekuttiv fin-nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv.

3.2 Il-Kumitat ġie nfurmat li saret il-laqgħa ma’ Chiswick House rigward manutenzjoni tal-bankina fi Triq Antonio Schembri. Dan ix-xogħol għandu jsir fl-aħħar ta’ Frar meta l-iskola tkun bil-vaganzi.

3.3 Ġie innutat ir-rapport tal-Health and Safety ta’ Ġnien G M Camilleri. Dan ir-rapport kien wieħed pożittiv ħafna.

3.4 Iċ-Chairman għandu jikkonferma jekk ir-reserved parking fi Triq il-Ġojjin għadux jintuża. Jekk le, dan għandu jiġi mħassar.

**4 Affarjiet oħra**

4.1 Is-Sur Alfred Mangion ilmenta li hemm bżonn ta’ aktar infurzar. Kien hemm qbil mill-Kumitat fuq dan u għandha ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali rigward dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.50pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 14 ta’ Frar 2017 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |